**16 ta' Novembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Francis Xavier Aquilina

*versus*

Adrian Amos

**Appell - Sentenza ta' l-Ewwel Qorti - Motivazzjoni ta'**

*Appell ta' l-attur minn diversi dispositivi tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti. Ġiet ikkonfermata s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti b'riforma fuq punt ta' imgħax.*

Il-Qorti:-

L-attur aġixxa kontra l-konvenut b'dan l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

"Il-Qorti:-

L-attur ippremetta illi kien daħal f'konvenju mal-konvenut sabiex dan jixtri mingħandu l-fond numru 97, Triq Sant'Ursola, il-Belt, fit-termini u bil-kundizzjonijiet kollha pattwiti fil-konvenju bejniethom stipulat fil-ħdax (11) ta' Diċembru, 1989, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn esebiti u mmarkata dokument A;

U premess illi għalkemm interpellat sabiex jaddivjeni għax-xiri ta' l-istess proprjetà b'ittra uffiċjali tas-sebgħa (7) ta' Mejju, 1992, il-konvenut naqas milli jagħmel hekk fit-terminu

stipulat;

U premess illi bħala konsegwenza ta' l-istess il-konvenut tilef id-depożitu magħmul favur l-attur imħolli f'idejn in-Nutar Dottor John Gambin, u, apparti dan, fit-terminu ta' l-istess konvenju baqa' obbligat li jħallas is-somma ulterjuri ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) rappreżentanti *pre-liquidated damages* kif jingħad fl-istess konvenju;

U premess illi l-konvenut kien għamel diversi pagamenti akkont ta' l-elfejn lira Maltija minnu dovuti u llum għad fadallu jagħti l-ammont bilanċjali ta' elf, tliet mija u tnejn u disgħin lira Maltija u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm1,392.46) kif jidher mill-anness resokont ta' l-attur hawn esebit u mmarkat dokument B;

U premess illi l-attur kien biegħ ukoll lill-konvenut diversi biċċiet ta' għamara u nkawdri bil-prezz ta' elf, mija u erbgħin lira Maltija (Lm1,140), skond ftehim hawn esebit u mmarkat dokument C, liema għamara l-konvenut baqa' ma rtirahiex mingħand l-attur, nonostante diversi promessi li huwa għamel li sejjer jirtira l-istess għamara u dina baqgħet magazzinata għand l-istess attur b'dannu għall-istess attur;

U premess illi b'ittra uffiċjali ta' Jannar, 1992, l-attur kien interpella lill-konvenut sabiex iħallas il-prezz ta' l-istess għamara u d-danni minnu nkorsi talli naqas li jaddivjeni fuq il-konvenju kif fuq ingħad;

U premess illi l-konvenut, qabel l-iskadenza tal-fuq imsemmi konvenju, kien immagazzina fil-proprjetà, ossia dar fil-fond numru 97, Triq Sant'Ursula, il-Belt, diversi biċċiet ta' għamara u dan kif dettaljati aħjar fir-resokont magħmul mill-istess attur hawn esebit u mmarkat dokument D, u baqa' jħalliha hemm magazzinata nonostante d-diversi nterpellazzjonijiet ta' l-

attur biex jirtira u jeħodha u dan b'dannu għall-attur li tilef l-użu ta' l-istess spazju, liema l-istess għamara kienet qed tiġi magazzinata u l-attur għandu dritt jitħallas għall-magazzinar ta' l-istess għamara;

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' elf, tliet mija u tnejn u disgħin lira u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm1,392.46) bilanċ minn somma akbar dovuta bħala danni llikwidati favur l-attur minħabba l-inadempjenza da parti tal-konvenut fuq il-konvenju fuq imsemmi;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' elf, mitejn u sebgħa u disgħin lira Maltija u sittax-il ċenteżmu (Lm1,297.16) dovuta għall-pezz ta' l-għamara u pittura lilu mibjugħa u dan in kwantu għall-elf, mija u erbgħin lira Maltija (Lm1,140) prezz ta' l-istess u l-bilanċ imgħax sal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar, 1993;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' erbat elef, erba' mija u ħamsa u erbgħin lira Maltija u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm4,445.45) għall-magazzinar ta' l-għamara, proprjetà ta' l-istess konvenut fil-fond proprjetà ta' l-attur;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tal-wieħed u tletin ta' Jannar, 1993, u b'riserva ta' kull kera oħra dovuta għall-magazzinar ulterjuri ta' 'l fuq imsemmija għamara kontra l-konvenut";

L-Avukat Dr. Richard Camilleri, bħala prokuratur speċjali tal-konvenut assenti minn dawn il-gżejjer hekk eċċepixxa:

"Illi l-ammont mitlub fl-ewwel talba ta' l-attur irid jiġi ridott minħabba li minn dak iż-żmien l-eċċipjenti ħallas is-somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700) f'żewġ pagamenti ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500) u mitejn lira Maltija (Lm200) u ħallas ukoll is-somma ta' mitejn lira Sterlina (£Stg. 200);

Illi l-ammont mitlub fl-ewwel talba jrid jiġi ridott ukoll stante li jikkomprendi imgħax li mhux dovut skond il-liġi;

Illi rigward it-tieni talba jammetti li huwa debitur għas-somma ta' elf, mija u erbgħin lira Maltija (Lm1,140), prezz dovut għall-għamara u pitturi lilu mibjugħa mill-attur, però, stante li dan huwa debitu ċivili, l-imgħax ta' mija, sebgħa u ħamsin lira Maltija u sittax-il ċenteżmu (Lm157.16,0) mhuwiex dovut;

Illi t-tielet talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-partijiet ma daħlux f'kuntratt ta' magazzinaġġ;

Illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, l-attur qatt ma sofra danni minħabba l-magazzinaġġ;

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti s-somma ta' erbat elef, erba' mija u ħamsa u erbgħin lira Maltija u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (Lm4,445.45) għall-magazzinaġġ ta' l-għamar hija eżaġerata u mhux raġonevoli";

B'sentenza tas-27 ta' Marzu, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba stante pagament fil-mori tal-kawża u laqgħet it-tieni talba, fuq ammissjoni, fis-somma ta' elf, mija u erbgħin lira Maltija (Lm1,140) bl-imgħax fuq dan l-ammont dekorribbli mid-data ta'

l-istess ittra uffiċjali, u ċaħdet it-tielet talba. Iddeċidiet ukoll li l-ispejjeż tal-kawża kellhom jiġu ssopportati bin-nofs bejn il-kontendenti;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha wara li brevement irrintraċċjat il-fatti li pprovokaw din il-kawża:

"L-attur xehed li l-konvenut kellu jixtri l-post tiegħu, 97, Triq Sant'Ursola, il-Belt, b'konvenju tal-ħdax ta' Diċembru, 1989 (11.12.89), dok. A, iżda l-konvenut naqas u għalhekk tilef id-depożitu ta' Lm2,000, oltre li kellu jħallas Lm2,000 oħra bħala *pre-liquidated damages*, kif jingħad fl-istess konvenju. Il-konvenut kien għamel xi pagament u baqagħlu jagħti bilanċ ta' Lm1,392.46, skond id-dok. B;

Il-konvenut kien ukoll xtara xi għamara u nkwadri bil-prezz ta' Lm1,140 iżda ma rtirahomx u baqgħu magazzinati għand l-attur, dok. C;

Il-konvenut kienu ukoll ħalla biċċiet ta' għamar għand l-attur li ma rtirax u ħallieha magazzinata għand l-attur, dok. D;

Għalhekk l-attur talab:

Li l-konvenut iħallas Lm1,392.46 bilanċ ta' danni;

Lm1,297.16 prezz ta' pittura u għamara oltre l-imgħax;

Lm4,445.45 magazzinar ta' għamara mit-30/9/90 sa 30/3/93;

Dwar l-ewwel talba l-attur qed jitlob is-somma ta' Lm1,392.46, mentri mill-provi jirriżulta li l-konvenut, fil-mori

tal-kawża, ħallas Lm1,504.15,8 (dok. a fol. 38). Għalhekk l-attur ma jistax jieħu aktar milli talab fiċ-ċitazzjoni, konsegwentement iż-żieda fl-imgħax ta' Lm53.72,0 li qed jippretendi issa fuq pagamenti li saru fil-mori tal-kawża huma *ultra petita*;

Dwar it-tieni talba, il-konvenut qed jammetti li hu għandu jagħti s-somma ta' Lm1,140. Dwar l-imgħax ta' Lm157.16 dan mhux dovut. *L-imgħax li jista' jkun* dovut mhux dovut mit-tnax (12) ta' Mejju, 1991, iżda mid-data ta' l-ittra uffiċjali billi dan hu debitur ċivili (ara fol. 9);

Dwar it-talba għall-magazzinaġġ, l-attur qed jitlob is-somma ta' Lm4,445.45 *konsistenti f'kera ta' ċirka Lm600 kull* sitt xhur għall-perijodu tletin (30) ta' Settembru, 1990, sat-tletin (30) ta' Marzu, 1993. L-attur spjega kif wasal għall-figura ta' Lm4,445.45 għal *rent ... for warehousing* fid-dok. D a fol. 12 taħt paragrafu (c);

Iżda fix-xhieda tiegħu l-attur spjega li hu qed jippretendi kera mit-tnax (12) ta' Mejju, 1991. Hu qal li ma kinux ftehmu dwar il-magazzinaġġ minn meta waqa' l-konvenju u l-għamara baqgħet għandu, ċjoè mit-tnax ta' Mejju, 1991, (12/5/91) (fol. 42);

Il-konvenut xehed li ma kien hemm ebda ftehim dwar ħlas u hu kien ħalla l-għamara u l-oġġetti li xtara mingħand l-attur għandu. Kieku l-attur kien ser jiċċarġjah flus hu kien joħroġ l-għamara mill-ewwel. L-attur *jaċċetta li ma kien sar ebda ftehim* dwar kera talli hu (il-konvenut) kien qed iżomm l-affarijiet għandu;

Iżda l-attur ħass li la darba l-konvenut ma kienx ser jixtri d-ar, *il-konvenut kellu jħallas u fil-fatt l-attur iffissa l-kera kif*

spjegat fid-dok. D a fol. 12. Il-konvenut xehed li hu qatt ma ġie nfurmat b'dan u lanqas ġie mitlub biex jirtira l-affarijiet;

Skond l-artikolu 1892 tal-Kodiċi Ċivili: "id-depożitu hekk proprjament imsejjaħ huwa kuntratt gratuwitu, bla ħsara ta' kull ftehim kuntrarju". Għalhekk hemm presunzjoni *iuris tantum* li tammetti prova kuntrarja. L-attur jammetti li ma kien hemm ebda ftehim dwar pagament talli kien qed iżomm l-affarijiet;

Iżda skond l-artikolu 1918 ta' l-istess Kodiċi: "id-depożitant għandu jrodd lid-depożitarju l-ħlas ta' l-ispejjeż li dan ikun għamel biex jikkonserva l-ħaġa depożitata, u għandu jikkumpensah tat-telf kollu li jkun ġieblu d-depożitu";

L-attur ma ġab ebda prova li hu kellu xi telf minħabba d-depożitu, per eżempju li sofra danni għax ma setax ibigħ id-dar. Lanqas ma ġab prova li hu għamel xi spejjeż biex jikkonserva l-ħaġa depożitata. Il-konvenut diġà tilef Lm2,000 bħala depożitu u Lm2,000 bħala *pre-liquidated damages*;

L-attur fl-i*statements* li ppreżenta, qed jippretendi kera għall-okkupazzjoni ta' spazju fil-fond tiegħu li l-konvenut kien se jixtri. Dan ma jistax ikun dovut għal depożitu jew magazzinaġġ kif hemm fit-tielet talba għax ma kienx hemm ftehim għall-ħlas u lanqas ma kien hemm kuntratt ta' magazzinaġġ;

Għalhekk it-tielet talba ta' l-attur qed tiġi miċħuda";

Il-konvenut *nomine* ssokkomba għal din is-sentenza u ma appellax minnha, la prinċipalment u anqas inċidentalment. Appella però minnha l-attur billi ħass ruħu aggravat b'diversi disposittivi tagħha;

L-ilment prinċipali ta' l-appellant hu illi hu jippretendi li l-Ewwel Qorti kien messha laqgħet it-talba tiegħu għall-ħlas ta' Lm4,445.45 "bħala kumpens lilu dovut talli l-appellat, kontra l-volontà tiegħu u mingħajr l-ebda dritt, immagazzina l-għamara tiegħu fi spazju konsiderevoli tad-dar tiegħu". Hu jissottometti "li ma kienx qed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq il-kuntratt ta' depożitu bi ħlas, imma kien qed jippretendi kumpens għall-użu indebitu illi l-appellat għamel minn ħwejġu għal żmien konsiderevoli". Hu qed jippretendi dan il-kumpens minn meta skada l-konvenju sakemm effettivament neħħa l-effetti mobbli;

Subordinatament l-appellant jissottometti illi l-pretensjoni tiegħu tista' tiġi kkunsidrata bħala talba għal danni għall-okkupazzjoni ta' dak l-ispazju indebitament okkupat bl-għamara ta' l-appellat. Isostni li hu tilef il-kera għaż-żmien ta' l-okkupazzjoni abużiva ta' l-appellat u kellu allura jiġi riżarċit billi jitħallas il-kumpens raġonevoli li hu qed jitlob;

L-appellant ħass ruħu ukoll aggravat biċ-ċaħda ta' l-imgħax ta' Lm53.72 rigward l-ewwel talba. Żgur li fuq it-talba ta' Lm1,329.40 mitluba għad-danni, iddekorrew l-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata ta' l-ittra uffiċjali;

Il-Qorti tqis l-aggravji fl-ordni kif issollevati mill-appellant. Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tosserva:

"Hu sintomatiku li l-attur innifsu jammetti *expressis* li ma kienx hemm ftehim dwar magazzinaġġ u ħlas għalih. Dan hu kkonfermat mill-istess konvenut li jafferma li hu talab lill-attur *biex jagħmillu pjaċir u jżommlu xi oġġetti ta' mobbli, li hu kien* akkwista ukoll in parti mingħandu fil-fond tiegħu fejn kienu u l-attur aċċetta. B'danakollu, l-attur appellant qed jippretendi illi "la darba ħallihomli jiena għandi niġi kkompensat". Hu sinifikattiv però l-fatt illi meta xehed hu afferma li ma kienx

*qieghed jippretendi tal-magazzinaġġ minn mindu l-għamara ta' l-appellat tqiegħdet fil-fond de quo* sa Mejju, 1991, meta waqa' l-konvenju u ma sarx *il-kuntratt. Hu kien qieghed però* jippretendi tal-magazzinaġġ minn meta waqaf il-konvenju sakemm l-għamara ġiet effettivament *irtirata mill-appellat;*

Jirriżulta però mill-atti u senjatament mill-*istatement* ta' l-istess appellant, li fih jagħti d-dettalji ta' kif akkumula l-ammont ta' Lm4,495.45 reklamat minnu għall-magazzinaġġ taħt it-tielet talba, illi f'dan l-ammont kien inkluż u kien qieghed jippretendi ukoll, *is-somma ta'* Lm1078.44 f'kumpens għal perijodu anteċedenti għad-data meta spiċċa fis-seħħ il-konvenju u *ċjoè mit-30 ta'* Settembru, 1990 sat-30 ta' Mejju, 1991. Din iċ-ċirkostanza diġà mortalment iddajjef l-attendibilità tal-versjoni ta' l-appellant li hu kellu xi dritt jippretendi li jitħallas bil-fatt biss illi l-konvenut kellu fil-fond għamara li hu kien akkwista u li ma kienx irtiraha immedjatament kif skada l-konvenju. Una volta kien aċċettat mill-appellant li l-għamara kienet ġiet imqiegħda fil-proprjetà tiegħu bil-kunsens tiegħu u mingħajr ebda kondizzjoni u mingħajr ebda ftehim fuq kumpens għal magazzinaġġ u allura a titolu gratuwitu, diffiċilment wieħed jista' jifhem kif l-attur appellant seta' jippretendi li jibda jitħallas għall-magazzinaġġ. Dan mingħajr ma qabel ikun uffiċjalment *interpella lill-konvenut biex jirtira* ħwejjġu u mingħajr ma qabel ikun intimah li jekk jibqa' nadempjenti, ikun passibbli *proprju għall-ħlas mhux ta'* magazzinaġġ - għax dan qatt ma ġie miftiehem u qatt allura ma seta' jiġi unilateralment eżatt jew *impost* iżda għall-ħlas ta' danni konsegwenzjali għall-aġir abbużiv tal-konvenut li jkun allura *ex nunc* u mhux *ex tunc* qed jokkupa l-proprjetà ta' l-appellant kontra l-volontà u l-bene plaċitu tiegħu. Danni li jibdew jiddekorru mid-data ta' meta ssir din l-intima lill-konvenut li jibqa' inadempjenti u li d-danni kellhom jiġu llikwidat ġudizzjarjament u determinati bil-kriterji li l-liġi timponi fir-rigward ta' ħlas ta' danni ta' din ix-xorta. Danni li qabel xejn kellhom jiġu ppruvati bħala li ġew *sofferti*

attwalment *mid-danneġġjat u li dwarhom ikun jirriżulta dak in-ness ta' kawża ta' effett bejn l-aġir abbużiv ta' min jikkawża ħsara u l-ħsara li jkun fil-fatt ikkaġuna;

Is-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-appellat immagazzina l-ghamara tiegħu fil-fond tiegħu kontra l-volontà tiegħu u bla dritt ma *kinitx preċiża. Ċertament* l-għamara tqiegħdet fil-fond ta' l-attur inizjalment bil-kunsens tiegħu u żgur li hekk baqgħet sal-mument meta skada l-konvenju. Anke wara li skada l-konvenju, għalkemm hu minnu illi l-kontendenti kienu ftehmu illi l-effetti mobbli proprjetà ta' l-appellat setgħu jitħallew fil-fond ta' l-appellant għax kien hemm l-intiża li dan ta' l-aħħar kien ser jakkwista dak il-fond, il-fatt waħdu li l-kuntratt ma seħħx, ma kellux neċessarjament jimporta illi l-appellat kellu jneħħi ħwejjġu minn ġo fih jew, li jekk ma jagħmilx hekk, hu kien ikun minnufih u *ex lege* passibbli għad-danni jew għall-ħlas *ta' kumpens għall-okkupazzjoni lleċita meta tali kumpens* ma kienx ġie preventivament miftiehem minn qabel, u anzi kien ġie eskluż. Biex l-appellat ikun passibbli għad-danni jew għall-ħlas għall-okkupazzjoni *ndebita, kien meħtieġ* da parti ta' l-appellant illi jintima lill-appellat li ma kienx lest li jibqa' jżomm ħwejjġu fil-proprjetà tiegħu, li jinterpellah biex jiżgumbrahom minn hemm u li fin-nuqqas, u jekk jibqa' inadempjenti, fit-terminu minnu mogħti huwa kien ser iżommu responsabbli għad-danni għall-okkupazzjoni abużiva;

Tali nterpellazzjoni ma jirriżultax li saret qabel il-preżentata tal-preżenti azzjoni li ġiet innotifikata lill-konvenut appellat fl-1 ta' April, 1994. Infatti l-interpellazzjonijiet uffiċjali l-oħra li jirriżultaw mill-atti bl-ebda mod ma jirreferu għal xi pretensjoni ta' l-attur li jitħallas għall-okkupazzjoni tal-fond jew parti minnu bl-effetti personali ta' l-appellat u lanqas ma tirriżulta xi intima biex dan jirtirahom mill-istess fond taħt piena ta' ħlas ta' danni;

L-ewwel ittra uffiċjali tas-7 ta' Mejju, 1991, hi, *sic et simpliciter* interpellazzjoni lill-konvenut biex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' komprovendità u in difett, li l-*konvenju taħt eżami kien ser jiġi reż esekuttiv*. *It-tieni* ittra uffiċjali tas-27 ta' Jannar, 1992, hi nterpellazzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' diversi oġġetti mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut "li int bqajt ma rtirajtx" u għall-ħlas ta' Lm2,000 bilanċ ta' somma akbar ta' depożitu li hu kien obbliga ruħu li jħallas skond il-konvenju. Ammonti li sussegwentement tħallsu inparte anke fil-mori ta' din il-kawża. Anke f'din l-ittra uffiċjali li saret wara li l-konvenju kien skada inutilment u meta allura l-attur suppost kien qed jippretendi l-ħlas skond hu għall-magazzinaġġ ta' l-għamara, l-ebda menzjoni ma saret ta' din il-pretensjoni ta' l-attur u lanqas l-ebda intima uffiċjali biex din il-proprjetà mobbli tiġi rtirata;

*Dan kollu għandu s-sinifikat tiegħu fil-konsiderazzjoni ta'* dan l-aggravju, kif għandu ukoll sinifikat il-fatt li ma tirriżultax mill-atti l-ebda forma ta' intima oħra mill-appellant lill-appellat biex inehħi l-oġġetti tiegħu taħt piena ta' ħlas ta' danni. Dan kollu jfisser li fl-aħjar ipotesi għall-appellant, tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hu jista' biss jippretendi kumpens għall-okkupazzjoni abużiva tal-proprjetà tiegħu in linja ta' danni mid-data tan-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni lill-appellant ċjoè mill-1 ta' April, 1993, sa meta l-għamara ġiet effettivament imneħħija mill-fond ta' l-appellant. Fond li sewwa jingħad tul dan iż-żmien kollu baqa' in effetti taħt il-kontroll sħiħ ta' l-appellat;

Il-Qorti tqis inoltre illi hi marbuta bit-termini tat-tielet talba ta' l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni li hi għall-ħlas ta' somma speċifika ta' Lm4445.45 għall-magazzinar ta' l-għamara, liema ammont hu, mill-istess attur, ġustifikat u marbut ma' l-informazzjoni elenkata fid-dokument D li speċifikatament jistabbilixxi li dan l-ammont kollu jkopri ħlas għall-magazzinar

ta' l-għamara mit-30 ta' Settembru, 1990, sat-30 ta' Marzu, 1993. Dan l-ammont allura jkopri perijodu li ċertament ma jistax jitqies illi jirreferi għal żmien meta l-appellat kien ġie nterpellat ġudizzjarjament biex *jirtira l-għamara fil-fond ta' l-*appellant u baqa' inadempjenti. Dan għaliex hu ovvju li dan il-perijodu hu anteċedenti għall-preżentata tal-preżenti stanza u allura anteċedetni għan-notifika ta' l-istess att lill-appellant fl-1 ta' April, 1993. Hu veru li fl-att taċ-ċitazzjoni l-attur jagħmel riserva ta' kull kera oħra dovuta għall-magazzinar ulterjuri ta' l-fuq imsemmija għamara. Din ir-riserva però ma tintitolax lill-Qorti illi tillikwida kwalunkwe kumpens talvolta dovut għal dan il-perijodu *f'din l-istanza anke jekk tista' tkun dovuta, u kull* likwidazzjoni bħal din tkun *ultra petita*. Dan l-aggravju għalhekk neċessarjament għandu jiġi miċħud anke jekk wieħed jaċċetta għall-grazzja ta' l-argument is-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-azzjoni tiegħu ma kellhiex titqies fil-kuntest ta' l-istitut tal-kuntratt ta' *depożitu bi ħlas imma fil-kuntest ta'* kumpens għall-użu ndebitu da parti ta' l-appellat ta' ambjenti mill-fond proprjetà ta' l-appellant;

Apparti konsiderazzjonijiet ġà espressi, din il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnota *illi ma tirriżultax il-prova tad-danni* allegati mill-attur fis-sens li ma jirriżultax mill-atti illi l-fatti tal-magazzinar fih innifsu attwalment tellef xi opportunità lill-appellant li jikri l-fond tiegħu kif qed jippretendi li seta' jagħmel b'din il-petizzjoni. Jidher allura li t-telf pretiż mill-appellant hu aktar wieħed potenzjali milli attwali. Lanqas ma jidhru ġustifikati l-kriterji li bih l-appellant wasal biex jikkwantifika l-ammont minnu pretiż, kif ukoll tonqos il-prova illi l-appellant, anke jekk *kien ġustifikat fit-talba tiegħu, għamel* dak li kien bil-liġi tenut li jagħmel biex jimminimizza d-danni. Dan billi jipprovdi spazju għall-magazzinar ta' l-oġġetti ta' l-appellat jekk u meta jkun irrifjuta illi jirtirahom minn daru f'post ieħor f'Malta fejn il-ħlas għall-magazzinar ikun wieħed ferm aktar raġonevoli *u raġġunġibbli minn dak li qed jippretendi*

l-attur appellant. Anke taħt dan l-aspett tal-*quantum* din il-Qorti ma taqbel xejn allura mas-sottomissjonijiet ta' l-appellant fl-aggravju tiegħu;

Fir-rigward ta' dak li l-appellant jissottometti subordinatament dwar li l-pretensjoni tiegħu tista' tiġi kkunsidrata bħala talba għal danni għall-okkupazzjoni indebita tad-dar tiegħu, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-konsiderazzjoni tagħha hi arġinata bit-talbiet kif dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni u bil-premessi għalihom. Imkien fl-att taċ-ċitazzjoni ma tokkorri l-figura ta' arrikkiment indebitu u hu ċar li dan l-istitut hu rregolat bi provedimenti u konsiderazzjonijiet għal kollox differenti minn dawk li jiggvernaw it-talbet għall-ħlas ta' kera għall-magazzinaġġ. Differenti huma t-talbiet, differenti huma l-eċċezzjonijiet u differenti huma l-perijodi preskrittivi estintivi ta' l-azzjoni. Ma tistax allura din il-Qorti, lanqas *per equipollens*, testendi l-konsiderazzjonijiet tagħha għall-arrikkiment indebitu kif qed jissuġġerixxi l-appellant;

Finalment, l-appellant hass ruħu aggravat ukoll biċ-ċaħda mill-Ewwel Qorti ta' l-imgħax ta' Lm53.72 li akkumula fir-rigward tas-somma ta' Lm1392.46, bilanċ ta' somma akbar dovuta bħala danni llikwidati favur l-istess attur minħabba l-inadempjenza da parti tal-konvenut li jersaq għall-konvenju taħt eżami. L-appellant jissottometti li dan l-ammont hu dovut għaliex fuq din l-ewwel talba għad-danni kellhom jiddekorru l-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata ta' l-ittra uffiċjali aktar 'il fuq imsemmija sad-data ta' l-effettiv pagament. Dan l-aggravju jirriżulta ġustifikat. Mhix korretta s-sentenza appellata meta tgħid li l-attur ma jistax jieħu aktar milli talab fiċ-ċitazzjoni jew li l-ammont ta' l-imgħaxijiet akkumulati, verament mhux ikkontestati mill-appellat, kienu *ultra petita*. Fil-fatt fl-att taċ-ċitazzjoni hemm espressament indikat illi fuq l-ammonti mitluba kellhom jiddekorru l-imgħax legali mid-data tal-31 ta' Jannar, 1993, sad-data ta' l-effettiv pagament. Jirriżulta

ippruvat li l-ammont ta' Lm1392.46 kien ikopri l-bilanċ dovut fuq il-konvenju più l-imgħaxijiet sal-31 ta' Jannar, 1993. Ammonti ulterjuri huma allura koperti bit-talba għall-imgħax fl-att *taċ-ċitazzjoni. Dan l-aggravju qed jiġi milqugħ;*

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata ħlief fir-rigward ta' l-aggravju dwar il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' Lm53.72 imgħax bilanċjali dovut fuq il-kapital mitlub fl-ewwel talba li l-konvenut qed jiġi bil-preżenti sentenza kkundannat li jħallas lill-attur. L-ispejjeż tal-preżenti appell għandhom kollha jitħallsu mill-attur appellant, waqt li dawk ta' prim'istanza għandhom jibqgħu bin-nofs kif mill-Ewwel Qorti deċiżi.